MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-23 ta' April, 2007

Mandat Numru. 499/2007/1

**Edward Baldacchino**
**-vs-**
**Direttur Qrati u Tribunali Civili**

**Il-Qorti**

Rat r-rikors li bih ir-rikorrent talab il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat biex dan ma jezegwiex il-mandat ta' zgumbrament numru 314/07 mahrug kontra tieghu mill-fond numru 138 Triq Santa Lucia Valletta, billi dan qieghed imur kontra s-sentenza moghtija mill-Qorti fil-kawza numru 373/07 JRM li ddecidiet li l-imsemmi mandat ma hux ezegwibbili kontra Edward Baldacchino.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat a fol. 62 u ta’ Mark Gollcher a fol. 27 li opponew it-talba billi jsostnu li l-mandat gja gie ezegwit;

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Rat il-korrezzjoni tat-13 ta’ April 2007;

Semghet lill Marixall Joseph Azzopardi bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi l-Qorti semghet bil-gurament lill Marixxal Joseph Azzopardi jixhed u jghid kategorikament li l-mandat illum hu ezewgit u li c-cwievet tal-post jinsabu depozitati l-Qorti.

L-intimat Direttur Qrati u Tribunali Civili, kif ukoll l-intimat Gollcher, ghalhekk jargumentaw li l-azzjoni odjerna ma tistax titkompla stante li l-Marixall diga esegwixxa l-mandat ta’ zgumbrament kif ordnat mill-Qorti.

Ir-rikorrent mhux qed jaqbel u jikkontendi li l-mandat ta’ zgumbrament ma giex ezegwit imma kien inghata bidu biss ghall esekuzzjoni tieghu u l-kwistjoni kellha tigi riferita lill-Qorti. Fil-fatt, jghid ir-rikorrent, kien inhargu tmien imwejjed biss. Ir-rikorrent issottometta li l-mandat ma setghax jigi ezegwit kontra tieghu billi l-Qorti kienet iddecidiet li l-mandat ta’ zgumbrament ma kienx ezegwibbili kontra Edward Baldacchino. Hu jghid li bil-mandat huwa gie zgumbrat u mhux l-Overseas. Skond ir-rikorrent ic-cwievet tal-Overseas kienu diga gew depozitati fil-Qorti qabel ma l-Marixall mar biex jezegwixxi l-izgumbrament. Fl-ahharnett ir-rikorrent jirritjeni li l-mandat lanqas ma kellu jigi esegwit billi kien hemm talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni u l-Qorti kienet iffissatu ghas-smiegh.

Il-Qorti semghet lill Marixall Azzopardi jixhed u rrepeta diversi drabi li l-mandat ta’ zgumbrament gie ezegwit u

cahad li kien hemm biss il-bidu tal-esekuzzjoni tieghu jew li kien hemm xi ftehim ma’ Dr. Karmenu Mifsud Bonnici biex il-mandat ma jkompliex jigi ezegwit. Hu xehed li Dr. Karmenu Mifsud Bonnici kien qed jostakolah u ma jhallihx jesegwixxi l-mandat u jaghmillu kull xkiel (ara Dok ED 12). Hu kien irrefera l-kaz lis-Superjuri tieghu, u dawn kienu qalulu biex ikompli b’esekuzzjoni tal-mandat kif fil-fatt ghamel.

Dwar il-kwistjoni tal-oggetti li baqghu fil-post, il-Marixxal xehed li hu kien infurma lill rikorrent u lill Myra Baldacchino li hu kien se jizgombra l-post, u li huma kellhom ihallu l-post battal, izda dawn injoraw l-ordni li kien tahom, u meta gie biex jezegwixxi biex jizvojta l-post, minhabba l-opposizzjoni tar-rikorrent u tal-Avukat tieghu, u biex ma jhalliex il-mobbli barra fit-triq, hu esegwixxa l-mandat billi hareg l-imwejjed u ddepozita c-cwievet il-Qorti, u halla f’idejn l-Avukati tal-partijiet x’kellhom jaghmlu dwar il-mobbli li kien baqa’ gewwa. Fic-cedola ta’ depozitu a fol 23, il-Marixxal nizzel li **in esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament,** hu kien qed jiddepozita c-cwievet, **biex dawn jinghataw lil min jisthoqq skond il-Ligi.** Ma kientx kwistjoni li kellu jkun hemm xi kontinwazzjoni tal-esekuzzjoni tal-mandat ta’ zgumbrament, dan billi l-mandat kien gie ezegwit.

Dwar is-sottomissjoni tar-rikorrent li l-mandat ma setghax jigi ezegwit kontra tieghu skond sentenza tal-Qorti, il-Qorti tirrileva li l-mandat inhareg kontra l-Overseas, u n-notifika saret f’idejn ir-rikorrent, skond kif kienet qalet il-Qorti fis-sentenza taghha. L-intimat kellu sentenza ohra favur tieghu biex jiehu lura l-fond battal u kellu kull dritt li jezegwixxi l-mandat biex jiehu lura l-post kif ordnat mill-Qorti.

Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra tar-rikorrent li l-Overseas kienu diga ddepozitaw ic-cwievet tal-post il-Qorti, jigi rilevat li l-intimati kienu kkontestaw dana billi fil-fatt huma ma kienux iddepozitaw ic-cwievet kollha tal-post.

Ir-rikorrent finalment issottometta li l-mandat ma kellux jigi esegwit billi kien hemm talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u l-Qorti kienet iffissatu ghas-smiegh. Il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-Qorti kienet iffissat il-mandat ta' inibizzjoni ghas-smigh jirrizulta mix-xhieda tal-Marixxal li meta hu gie ostakolat mir-rikorrent u mill-Avukat tieghu, u hu kompla bl-ezekuzzjoni tal-mandat, Dr. Karmenu Mifsud Bonnici mar jipprezenta il-mandat ta' inibizzjoni biex iwaqqfu mod iehor u pero' f'dak l-istadju skond il-Marixall l-izgumbrament kien sar u l-mandat ta' inibizzjoni ma kienx ghadu milqugh.

Illi ghalhekk jirrizulta mill-provi prodotti li llum il-mandat ta' zgumbrament hu ezegwit u mhemmx lok li l-intimat jigi inibit.

Finalment il-Qorti tirrileva li kif inhu risaput hadd, iktar u aktar Avukat, ma jista' jostakola lill-Marixall fid-dmir tieghu (Art 279 Kap 12) izda se mai ifittex id-drittijiet tieghu wara li ssir l-ezekuzzjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tichad it-talba tar-rikorrent
Bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------